MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2007

Numru 210/2002

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT RAYMOND D'ANASTASI**

**VS**

**CARMEL AGIUS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmel Agius, ta' 28 sena, bin Anthony u Rita nee' Scerri, imwieled tal-Pieta' nhar il-11 ta' Mejju, 1973, residenti fil-fond imsejjah Aquila, Triq id-Drama, Hal-Qormi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 246273(M);

Akkuzat talli nhar il-21 ta' Mejju, 1997, u/jew matul is-snin/xhur precedenti, bhala proprjetarju u/jew amministratur tal-fond imsejjah Aquila, Triq id-Drama, Hal-Qormi, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, ukoll jekk fi

zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, kisser il-gumni tas-servizz elettriku, u cioe' tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond, u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew konsum elettriku jew li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata ikkommetta serq tal-kurrent elettriku li jammonta ghal Lm171.94 (mija wiehed u sebghin lira maltin, u erbgha u disghin centezmi), liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, u ammont, u dan ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

U kif ukoll talli matul l-istess perjodu, ikkaguna hsara volontarja fl-istess meter.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fil-verbal tal-lum, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 326(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat Carmel Agius hati, izda tilliberah bla kundizzjoni, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tordna inoltre lill-imputat ihallas l-ammont ta' Lm171.94 (mija u wiehed u sebghin lira maltin u erbgha u disghin centezmu) lill-Korporazzjoni Enemalta, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------